**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 353/2023 GG**

**Fl-atti tar-rikiors numru 164/2025GMG wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru 249/25 fl-ismijiet:**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs.**

**Alexander Boicius**

Digriet dwar talba ta' Alexander Boicius ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv.

Illum 10 ta' Gunju, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Alexander Boiciuc tal-25 ta' Frar, 2025 li bih talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 249/2025 u l-hrug ta' kontro-mandat opportun u dan fuq il-premessa illi huwa hallas dak kollu dovut lill-bank ezekutant inkluz l-ispejjez tal-kawza li kanonizzat is-sorte;

Rat ir-risposta tal-bank ezekutant li oppona t-talba u sejjes l-opposizzjoni tieghu fuq il-konvinciement illi l-ezekutat ghad fadallu jhallas l-imghax mid-data tas-sentenza tal-qorti tal-ewwel grad;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi l-fatti li jsawru dan il-kaz huma li fit-2 t'April, 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ipprolatat sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs Alexander Boiciuc et** (Rikors numru 175/2013 GM) li biha l-konvenuti kienu kkundannati "*in solidum* to pay the liquidated sum of €129,910, with legal interest from the date of this judgement until the date of eventual payment. / With costs payable by the defendants *in solidum*". Il-konvenut Boiciuc appella minn din is-sentenza u fil-5 ta' Dicembru, 2024, il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza appellata "*fis-sens li l-ammont likwidat bhala danni huwa fl-ammont ta' mija, ghaxart elef, erba mija u tlieta u ghoxrin ewro u hamsincentezmu (€110,423.50). Mill-bqija s-sentenza appellata hija kkonfermata fis-shih, b'dan li s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn tolqot lill-konvenuta Kristina licenkaite li ma ressqet l-ebda appell tibqa' tghodd. / Fic-cirkostanzi tqis li l-ispejjez marbuta mal-Prim'Istanza ghandhom jibqghu kif decizi. L-ispejjez marbuta mal-appell, ghandhom jithallsu inwkantu ghal sehem ta' wiehed minn ghaxra (1/10) mill-Bank appellat, u l-bqija mill-istess konvenut appellant*";

2. Illi wara l-ghoti ta' din is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, il-bank ezekutant talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv

(numru 249/2025) ghall-ammont ta' €52,227.66 *qua* sorte u €127.67 bhala imghax. L-Ezekutat, izda, spjega kif mal-ghoti tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell, huwa hallas is-somma likwidata fl-intier taghha u dan kif inhu ahjar imfisser fil-kopja tal-ittra tal-14 ta' Jannar, 2025[1] u dan bil-konvinciment illi la darba l-kawza kontra tieghu ghaddiet in gudikat fil-5 ta' Dicembru, 2024 allura l-imghax kellu jiddekorri minn dik id-data u mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti;

**Ikkunsidrat ukoll**:

3. Illi l-principju regolanti il-kwistjoni odjerna huwa li l-imghax fuq is-sorte jibda jiddekorri skond l-ordni moghtija mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex il-Qorti tal-Appell ma biddlet xejn mis-sentenza appellata kwantu d-disposizzjoni rigwardanti l-imghax. L-Ewwel Qorti, kif inhu manifest fil-bran citat *supra*, ordant li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

4. Illi mill-atti ma jirizultax illi l-Ezekutat irrikorra ghal xi procedura li biha seta' jikkawtela l-kumulu tal-imghax sakemm ikun hemm ezitu tal-appell tieghu jew xi mizura ohra li biha l-imghax seta' kien evitat l-imghax mitlub. Ghalkemm dan ma ghandu jkollu ebda ezitu fuq il-kwistjoni odjerna, huwa palezament akkolt li l-Ezekutant ma ghandu jsorfri ebda htija fit-telf ta' imghax fil-fatt illi l-Ezekutat intavola appell kif kien fid-dritt illi jaghmel;

[1] Ara fol 3 tal-atti

5. Illi ghalhekk dak li din il-Qorti jehtigilha li taghmel hu li tara li l-imghax huwa verament dovut u dwar dan rat il-prospett mressaq mill-bank Ezekutant[2] kif ukoll ir-rassenja ta' hlasijiet kif tidher fil-kopja tal-ittra tal-Ezekutat[3]. Minn hawn jirrizulta illi l-ammont ta' €110,423.5 rapprezentanti l-ammont likwidat li ghandu jhallas l-Ezekutat fil-fatt thallas bil-mod segwenti: €29,456 permezz ta' cedola; €48,475.98 minn depozitu fil-kont bankarju tal-istess Ezekutat u mizmuma mill-Ezekutant u l-ammont ta' €32.491.52 permezz ta' cheque mahrug mill-Ezekutat. Minkejja dan, il-bank intimat izomm ferm il-fehma tieghu li l-pagamenti maghmula mill-Ezekutat ghandhom l-ewwel jkunu mpjegati sabiex ikun skontat l-imghax u l-bilanc rimarrenti jservi biex jonqos id-dejn principali. U hawn ghandu ragun il-bank Ezekutant mghadud mal-fatt illi l-imghax huwa dovut mid-data tal-ewwel sentenza;

Ghal dawn ir-ragunijiet, t-talba tar-rikorrent Ezekutat qed tkun michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

---

Nicole Cini

[2] Ara dok B ezebit mal-mandat ta' sekwestru
[3] Ara fol 3 tal-atti

Deputat Reġistratur